**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' Mejju, 2016**

**Citazzjoni Nru: 87/2016 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Pierre u Joan sive Joanne mizzewgin Calleja**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 7 ta' April 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami (Dok. "A") is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Pierre u Joan sive Joanne mizzewgin Calleja.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici ta' Pierre u Joan sive Joanne mizzewgin Calleja fis-somma ta' disgha u ghoxrin elf, hames mija u wiehed u disghin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€25,591.34) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" ta' Pierre u Joan sive Joanne mizzewgin Calleja mal-Bank of Valletta p.l.c.

(Dok. "B1 sa B5") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-29 ta' Settembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esibit bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Pierre u Joan sive Joanne mizzewgin Calleja:

(a) naqas milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Pierre u Joan sive Joanne mizzewgin Calleja li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenut Pierre u Joan sive Joanne mizzewgin Calleja gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Settembru 2014, li kopja taghha qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok "C" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esibit bhala Dok. "A") partikolarment imma mhux esklussivament billi Pierre u Joan sive Joanne mizzewgin Calleja (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Pierre u Joan sive Joanne mizzewgin Calleja li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, u

2. Tikkundanna lil Pierre u Joan sive Joanne mizzewgin Calleja ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjetà attrici is-somma ta' disgha u ghoxrin elf, hames mija u wiehed u disghin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€25,591.34) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" ta' Pierre u Joan sive Joanne mizzewgin Calleja mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B5") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-29 ta' Settembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta' Settembru 2014 (Dok. "C") kontra l-konvenuti li huwa ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li gew debitament notifikati, l-intimati baqghu ma ressqu ebda twegiba.

Semghet lil Rose Cortis tixhed viva voce.

Rat li, minkejja li nghataw il-fakultà li jressqu sottomissjonijiet finali, l-intimati baqghu ma ressqu ebda nota.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-Bank rikorrenti rnexxielu jipprova li t-talba tieghu hija gustifikata u jisthoqqilha li tintlaqa' u dan tenut kont tal-insenjament ta' dawn il-Qrati li l-kontumacja ma titqiesx bhala ammissjoni tat-talba.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba ta' Bank of Valletta plc kif dedotta; tilqa' t-tieni talba kif dedotta, bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Pierre Calleja u Joan sive Joanne Calleja.

IMHALLEF

DEP/REG